# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2321

Każ Nru 3126/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Ethel Spiteri

u

Primebet International Ltd

*dwar: tkeċċija allegata li hi nġusta*

Data: 5 ta' Novembru 2014

**Chairman: Franco Masini**

### 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul fit-22 ta' Mejju, 2013 mill-Avv. Norma Vella Bardun f'isem Ethel Spiteri, fejn ġie allegat li din kienet ġiet liċenzjata nġustament minn mas-Soċjetà Primebet International Limited. Is-Soċjetà Intimata, li kienet rappreżentata minn David DeMarco assistit mill-Avv Andrew Borg Cardona, ċaħdet dan.

Inżammu ħames seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' differimenti li intalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

### 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti tgħid li mingħajr preavviż ta' xejn fil-25 ta' Jannar 2013 David De Marco għajjtilha fl-uffiċċju tiegħu u qalilha li minn dak il-ħin stess hija kienet qed tiġi liċenzjata għal raġuni ta' *redundancy*. Hija tirritjeni li dina kienet sempliċement skuża biex jeħilsu minnha. Hija ngħatat dak kollu li kienet teżiġi l-liġi għal dak li hu *notice* eċċ. Is-Soċjetà Intimata tgħid li kienet qiegħda f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli u kellha bilfors tirrikorri għal *redundancies.*

## 3. Konsiderazzjonijiet

Mill-provi li ġew prodotti jirriżulta bl-iktar mod ċar li s-Soċjetà Intimata bdiet sejra lura. Dana jirriżulta kemm mill-*accounts* li ġew preżentati kif ukoll mill-fatt li l-proprijetarji tagħha kienu qed jinsistu li jsir *cost cutting*. It-Tribunal huwa konvint li kienet teżisti sitwazzjoni li tirrikjedi *redundancies*. Id-diffikultà li kellu t-Tribunal kienet dwar min f'dak l-istadju kellu jiġi dikjarat *redundant*. Jirriżulta li kien hemm impjegata oħra cioe' Karen Gauci li kellha inqas servizz mir-Rikorrenti. Kien importanti għaldaqstant li t-Tribunal jeżamina bir-reqqa jekk kienx rispettat il-prinċipju ta' *first in last out*. Ir-Rikorrenti kienet bdiet taħdem fis-16 ta' Lulju 2008 waqt li Karen Gauci bdiet taħdem fit-28 ta' Lulju 2008. Huwa ċar li r-Rikorrenti kellha iktar servizz (għad li dan huwa xi numru ta' ġranet) minn Karen Gauci. Iżda t-Tribunal mar oltre mid-data tal-impieg. Ried jara t-tip ta' xogħol li kienu jagħmlu iż-żewġ impjegati. Ir-Rikorrenti kienet *Administrative Secretary* u kienet tieħu ħsieb materji amministrattivi waqt li Karen Gauci kienet *Customer Relations Administrator*. Kienu żewġ ħidmiet kompletament differenti. Hawn wieħed iħares lejn il-liġi. L-Artikolu 36(4) jgħid testwalment li f'każ ta' *redundancy* l-*employer* "għandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impieg milquta minn dik ir-*redundancy*". Iktar minn hekk il-liġi tiddefinixxi "klassi" bħala distinzjoni bejn "xogħol magħmul jew mistenni li jsir" (Art 2 tal-Kap 452). Soċjetà relattivament żgħira bħal Primebet International wieħed ma jistenniex li jkollha numru ta' klassijiet ta' ħaddiema. Iżda jirriżulta b'mod ċar li x-xogħol li kienet tagħmel ir-Rikorrenti kien ferm differenti minn dak li kienet tagħmel Karen Gauci. Waħda kienet tagħmel xogħol amministrattiv waqt li Karen Gauci kienet tagħmel xogħol konness mal-klijenti. Għaldaqstant it-Tribunal ma jarax li inkiser il-prinċipju ta' *first in last out* kif definit fil-liġi peress li kienu t-tnejn jappartjenu għal klassi differenti kif definita fil-liġi. Ir-Rikorrenti kienet fil-fatt l-aħħar persuna, u l-unika, li kienet ddaħlet fil-klassi partikolari ta' Amministrazzjoni u għaldaqstant il-kandidata indikata f'każ ta' *redundancy*.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-liċenżjament tar-Rikorrenti Ethel Spiteri minn mas-Soċjetà ntimata Primebet International Limited kien għal raġuni ta'*redundancy* u għalhekk ma hemmx lok għal proċeduri ulterjuri.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja
Mary Rose Galea

A/Segretarja